**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 63 TFUE (ex Artikolu 56 TKE) jipprekludi dispożizzjoni fiskali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, għall-finijiet tar-rimbors tat-taxxa fuq id-dħul mill-kapital, teżiġi minn kumpannija mhux residenti li tirċievi dividendi li ġejjin minn ishma u li ma tilħaqx il-limitu minimu ta' sehem previst fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti [1] (kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ ta' kumpanniji parent u s-sussidjarji tagħhom fi Stati Membri differenti [2]), li hija tipprova, permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-amministrazzjoni fiskali barranija, li din it-taxxa fuq id-dħul mill-kapital ma tistax tiġi imposta fuq l-imsemmija kumpannija jew fuq azzjonist li għandu sehem dirett jew indirett fiha jew inkella titnaqqas bħala spejjeż operatorji jew spejjeż professjonali, u sa fejn ma kien hemm ebda impożizzjoni, ebda tnaqqis, ebda riport, meta tali prova ma hijiex meħtieġa, għall-finijiet tar-rimbors tat-taxxa fuq id-dħul mill-kapital, minn kumpannija residenti li żżomm sehem ekwivalenti?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv:

Il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-prinċipju tal-effett utli jipprekludu r-rekwiżit taċ-ċertifikat imsemmi fl-ewwel domanda jekk huwa *de facto* impossibbli għar-resident li jibbenefika minn dividendi li ġejjin minn ishma free-float miżmuma minn azzjonisti li jipproduċi tali ċertifikat?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9. Vol. 1, p. 147.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil Malti, Kapitolu 9, Vol. 2, p. 3.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație şi Justiție (ir-Rumanija) fil-5 ta' Novembru 2020 – SC Cridar Cons SRL vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca**

**(Kawża C-582/20)**

(2021/C 53/23)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație şi Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* SC Cridar Cons SRL

*Konvenuti:* Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca

**Domandi preliminari**

1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1] u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-awtoritajiet tat-taxxa, wara li jkunu ħarġu avviż tat-taxxa li fih jirrifjutaw li jirrikonoxxu d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa tal-input fuq il-VAT imħallsa, jissospendu d-deċiżjoni dwar l-ilment amministrattiv sakemm tiġi deċiża l-kawża kriminali li tista' tipprovdi elementi oġġettivi supplimentari relatati mal-involviment tal-persuna taxxabbli fil-frodi tat-taxxa inkwistjoni?

2) Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għad-domanda preċedenti tista' tkun differenti jekk, matul is-sospensjoni tad-deċiżjoni dwar l-ilment amministrattiv, il-persuna taxxabbli bbenefikat minn miżuri provviżorji li x'aktarx jissospendu l-effetti tar-rifjut tad-dritt għat-tnaqqis tal-VAT?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Valladolid (Spanja) fil-5 ta' Novembru 2020 – BFF Finance Iberia S.A.U. vs Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León**

**(Kawża C-585/20)**

(2021/C 53/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Valladolid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* BFF Finance Iberia S.A.U.

*Konvenut:* Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León

**Domandi preliminari**

B'teħid inkunsiderazzjoni ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 4(1), 6 u 7 [(2) u (3)] tad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali [1]

1) L-Artikolu 6 tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li fi kwalunkwe każ l-ammont ta' EUR 40 japplika għal kull fattura[,] dejjem u meta l-kreditur ikun individwalizza l-fatturi fit-talbiet tiegħu quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u l-qrati amministrattivi[,] jew l-ammont ta' EUR 40 japplika għal kull fattura fi kwalunkew każ, anki jekk ikunu tressqu talbiet magħquda u ġeneriċi?

2) Kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 198(4) tal-Liġi 9/2017 [li jistabbilixxi] perijodu ta' ħlas ta' 60 jum f'kull każ u għall-kuntratti kollha, b'perijodu inizjali ta' 30 jum għall-approvazzjoni u ta' 30 jum addizzjonali għall-ħlas[,] sa fejn il-[premessa] 23 tad-Direttiva tistabbilixxi kif ġej:

"Il-perjodi twal għall-ħlas u l-ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi għall-prodotti u s-servizzi jwasslu għal spejjeż mhux ġustifikati għall-intrapriżi. Huwa għalhekk xieraq li jiġu introdotti regoli speċifiċi fir-rigward tat-transazzjonijiet kummerċjali għall-provvista ta' prodotti jew servizzi minn intrapriżi lill-awtoritajiet pubbliċi, li għandhom jipprevedu b'mod partikolari perjodi għall-ħlas li normalment ma jaqbżux it-30 jum kalendarju, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor espliċitament fil-kuntratt u sakemm ikun oġġettivament iġġustifkat meta jitqiesu n-natura jew il-karatteristiki partikulari tal-kuntratt u fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu s-60 jum kalendarju."